Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 73
# Il-Hamis 5 ta'April 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-05.30p.m.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier < Dahal 06:05pm >
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Alan Abela Wadge – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**73.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;**

73.1.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.
Il-kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji

**73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

73.2.01 Il-minuti tal-laqgha L7-72 kif miftiehem fi tmiem il-laqgha se jinqraw f'seduta normali ohra

**73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

73.3.01 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda appell mis -Sur Anton Camilleri fuq decizjoni ghat-Talba ghad-danni ta' 120 euro ghall-hsara fit-tyre u Axcel rods fi Triq Nazju Falzon fejn il-Kunsill kien approva 50% ta’ hlas ghad-danni <63.3.01>

Il kunsilliera prezenti ddiskutew it-talba u ma laqghux it-talba ghall-aktar hlas u kkonfermaw id-decizjoni precedenti <63.3.01> li dan il-halas ghad-danni m’ghandux ikun aktar min 60 euro.

73.3.02 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba mis-Sur Christian Bonello ghad-danni ta' 115 euro ghall-hsara fit-tyre fi Triq San Alwigi.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew it-talba u jidher li hemm dubju kemm ir-ritratti prezentati huma ta’ Triq San Alwigi u kif il-hofra ndikata setghet kawzat dawn id-danni meta jidher li huma fejn STOP sign u ddecideew li jitolbu indikazzjoni aktar cara ta’ liema parti mit-triq San Alwigi din qeghda.

73.3.03 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba mis -Sur Dwarniczak biex ssir sessjoni ta’ 3X3 Basket ball championship f'Misrah San Guzepp. Hawn kompliet tispjega fid-dettal din l-attivita’, xi spejjez tinvolvi u l-attivita’ go l-Imsida se tkun l-ewwell wahda li tiftah dan it-tournament maqsum f'hames dati u fejn se jsehh go hames lokalitajiet differenti bil-finali ssir il-Belt.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw li din l-attivita’ ghanda ssir

73.3.04 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrespondenza dwar l-ahhar dettalji ghall-Earth Clean up li se ssir fit-22 ta'April.

73.3.05 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba minn Tatra Ltd ghar-reklamar go Triq Mikiel Anton Vassalli u talbet lis-Segretarju Ezekuttiv jaghti d-dettalji.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li Tatra Ltd tispecjalizza fir -reklamar ma strutturi kbar u qed jitolbu spazju fi Triq Mikiel Anton Vassalli 'l isfel mill-Bridge fejn qed jipproponu 125 metru kwadru ta' billbords mal-hajt ghall-ammont fix-xahar kif indikat fit-talba. Hawn kompla jispjega li peress li t-Triq hija taht Trasport Malta dawn ghandhom igibu il-No objection mill-awtorita' u wara l-permessi mehtiega mill-PA. Jekk dawn jigu awtorizati il-permessi tar-reklamar jistghu jinhargu mill-Kunsill.

Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar il-Bye Law li ghandu l-kunsill fuq reklamar u rati.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li anness mat-talba hemm kopja tal-Bye law u kif indikat mit-tabella tal-hlasijiet l-offerta hija vantagjuza.

73.3.06 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda multa minn Trasport Malta fuq permess go Triq il-Kuncizzjoni u talbet lis-Segretarju Ezekuttiv jaghti d-dettalji.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li din il-Multa inghatat lill-Kunsill u lill-kuntrattur minhabba li l-kunsill hareg permess ghall-makkinarju li seta' jostakola il-karregjata u li ma kienx hemm presenza ta' ufficjal tat-traffiku. Hawn kompla jispjega li ghamel protesta ma' Trasport Malta fejn gibed l-attenzjoni li l-Kunsill ta' kuljum jikkomunika mal-awtorita' fuq permessi bhal dawn u ghalkemm sar zball mhux intenzjonat izda ghax l-impjegata ma ndunatx li dan il-makkinarju kien ikbar min dak li jigi normali fuq dan is-sit ta kostruzzjoni. Trasport Malta baghtet risposta li se terga tikkunsidra il-kaz u ghanda tgharraf lill-kunsill bid-decizjoni

73.3.07 Is-Sindku Margaret Cefai pprezentat fuq il-mejda email minn Trasport Malta li qed jinfurmaw li fil-granet li gejjin se jsiru tiswijiet ta' Kulverts go triq Xatt l-Imsida.

Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bzonn jaghmlu kulvert gdid ghax il-venda u il-pedestrian crossing jeghrqu meta taghmel ix-xita

73.3.08 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda pjanta u proposta ta' xoghol ghat-tnehija ta' struttura perikuluza go Misrah San Guzepp u spjegat li wara numru ta' snin li l-kunsill ilu jitlob lill-Awtorita' tirranga din l-istruttura, jidher li dan issa se jsir.

Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bzonn jaghmlu lqugh minhabba li jista' ikun li xi hadd jaqa' fil-bahar.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw il-progett bit-talba biex jizdied tip ta' lqugh li ga hemm fuq in-naha tal-gostra.

73.3.09 Is-Sindku Margaret Cefai pprezentat fuq il-mejda talba sabiex jibdew ghall xi granet ikun hawn xi voluntiera iniedu il progett Skreen inqajmu kuxjenza dwar in-nuqqas ta'smigh u spjegat fil qosor l-skop ta'din l-inizjattiva.
Il-Kunsilliera prezenti diskutew u approvaw it-talba biex dawn ikunu jistghu juzaw xi partijiet mil binja ghall dan il-progett.

73.3.10 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda kommunikazjoni mir-rizorsi umani fid-dipartiment ghall Gvern Lokali biex il- Kunsill japprova il-Progression ta' Marisa Xerri Demanuele

Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu li tali rakkommandazzjoni ghandha tinghata mid-dipartiment jew ministeru li qeghda sekondata mieghu, ghax ilha nieqsa minn mal-Kunsill Lokali L-Imsida mill-2014. Jekk dan l-Scale Progression skond il-Memo 8/2015 u l-Ftehim Kollettiv għal-Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali (2012-2016), jinghata b'mod awtomatiku allura m'hemmx lok ghalfejn il-Kunsill irid joqghod jikkunsidra l-istaff progression u dan ghandu jinghata. Izda tali progression ma tkunx qed tirifletti l-ebda meritu minhabba li l-impjegata hija ssekondata u ghall-Kunsill Lokali mhux car ma' min din qeghda u l-ghala d-dipartiment/ministeru, fejn is-Sna Marisa Xerri Demanuele hija sekondata qatt ma baghat taghrif jew talba biex dan l-iskondament ikun jista' jigi mgedded minkejja li ghaddew numru ta' snin.

73.3.11 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrespondenza dwar skema mill-Awtorita' tad-Djar fejn din qed toffri fondi biex jigi rrangat il-komun ta' sitt Blokkok go Triq il-Kuncizzjoni u spjegat li l-Kunsill irid ilaqqgha lir-residenti ta' Dawn il-Blokkok biex jispjegawlhom f'hiex tikkonsisti l-iskema u ta' x'hemm bzonn isir biex dawn jiffurmaw assocjazzjoni skond ir-regolamenti tal-Kondominju.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u ssuggerew li dan ghandu jsir f'numru ta' laqghat biex ma jissejhux kollha f'daqqa u ikun hemm aktar cans biex ir-residenti jifhmu l-iskema u jaghmlu mistoqsijiet bil-kwiet
Is-Segretarju Ezekuttiv se jipprepara ittra biex tisejjah il-laqgha li se titqassam bil-granet u hinijiet differenti skond il-blokka.

73.3.12 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda cirkolari f'isem is-Socjeta' tal-Hortikultura Maltija bhala stedina ghall-partecipazzjoni tal-Kunsill fil-Wirja Annwali li ssir F'Sant'Anton.
Is-Sur lino Bartolo ddikjara kunflitt ta' interess u ma partecipax fid-diskusjoni.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu li jippartecipaw bhas-snin ta' qabel.

**73.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

73.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta fuq il-mejda ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar biex jingħata il-Performance Appraisal Bonus għas-Sena 2017 lis-Segretarju Eżekuttiv K.A.S Is-Sur Michael Mifsud. Hawn kompla jispjega li mill-ahhar ġimgħa ta' Lulju sal- 31 ta' Diċembru is-Sur Mifsud kien qed jithallas ta' 20 siegħa fil-ġimgħa waqt li fil-preżent is-salarju tas-Sur Mifsud huwa ta' 10 siegħat fil-Ġimghat fuq skala 5 u qed jinqasam fi-tlett partijiet bejn K.L l-Imsida 10%, K.L Birkirkara 10% u id-Dipartiment għal- Gvern Lokali 80%

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw il-massimu kif rrakkomandat mill-KAS ta' 10% mill-persentaġġ tal-kunsill Lokali l-Imsida kif muri ta' 10% mis-salarju pro rata ta' 20 siegħa fil-ġimgħa fuq skala 5.

73.5.02 Is Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill kunsilliera prezenti li l-printer tal-ufficju amministrattiv wasal biex jinbidel ghax mhux qed jahdem tajjeb u resaq talba ghall ftehim ta' Photo copier / printer rental services fejn spjega li dan effettivament iwassal ghal tnaqqis mill-ispiza tax-xiri ta' Toners u manutenzjoni

Il-Kunsilliera prezenti approvaw unanimament it-talba.

73.5.03 Is Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li l-ufficju amministrattiv qed qed juza Computer antik bhala server u dan m' hux b'sahtu bizzejjed jew addatat biex jaqdi s-sistemi wzati mill-Kunsill, wisq inqas l-accounting software li se jibda juza l-kunsill fix-xhur li gejjin u ghamel talba biex jinxtara server addatat.

Il-Kunsilliera prezenti approvaw unanimament it-talba.

73.5.04 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai ghamlet talba biex isiru numru ta' attivitajiet zghar bejn Lulju u Settembru mirati biex joffru atmosfera fix-xatt ghas-sajf minn wara l-Festa u darba fil-Hmistax go gurnata fissa fejn spjegat li dan jista ikun min xi attivita' bl-iScouts jew xi duo ta' kitaristi jew wirja artigjanali u talenti ohra.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw li s-Sindku flimkien mas-Sur Lino Bartolo ghandhom ifittxu mezzi u talenti biex ifasslu program ta' attivitajiet zghar ghal dan il-ghan.

73.5.06 Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill-kunsilliera prezenti li ga beda jsir ix-xoghol fuq il-permessi tal-gabbani u l-imwejjed ghall-zmien il-festa ta' San Guzepp u talab lill-kunsilliera prezenti biex fid-dawl ta' problemi li sehhew fis-sena ta' qabel biex jibdew jiddiskutu u jiehdu numru ta' decizjonijet fosthom.
Dwar il-Gabani li jhallsu l-post u ma jigux biex dawn javzaw u ma jkunx hemm spazju twil vojt bejn gabbana u ohra u kontroll fuq min qed jibghat lil hadd iehor floku u mhux skond kif qed jghid il-permess
Decizjoni u talba ghall-kundizzjonijiet meta l-pulizija tohrog permessi inkluz talba ghall-depositu biex ikun jista jitnehha inkonvenjent bhal ma kien hemm fil-gnien minhabba li l-armar tan-nar li ma tnehhiex fiz-zmien u thalla mitluq ghall-xahar shih b'periklu ghat-tfal u certu kummenti fil- gurnali li tefghu impressjoni hazina fuq il-kunsill.

Biex isiru diskussjonijiet mal-Assisstent kummsisarju halli ikun hemm pulizija li jiehdu hsieb jinfurzaw fuq min qed jabuza mill-permessi tal-imwejjed u jokkupa jew sahansitra jaghlaq triq minghajr ma jhalli access ghan-nies..
Is-Sinjura Romina Galea qalet li jekk se naghmlu regola u kundizzjonijiet l-importanti li dawn ikunu ghal kulhadd u semmiet fejn il-bankijiet inqalghu f'attivitajiet organizzati mill-Klabb tal-Bocci
Is-Segretarju wiegeb li meta sar jaf b'dan il-kaz kien kiteb mal-ewwell lill-kumitat u dawn twahlu lura gol-post u ghalhekk hemm bzonn jittiehdu certu decizjonijiet qabel ma jasal iz-zmien biex affarijiet bhal dawn nilqghu ghalihom bil-quddiem u certu abbuzi ma jergawx jirrepetu.

73.5.07 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda proposta ta' Traffic Management fi Triq il-Balliju Guttenberg is-Swatar biex tickien il-bankina u jizdied il-parkegg u gharfet lill-kunsiliera prezenti li se tghaddi din il-proposta lill-Kumitat Amministrattiv Swatar biex jiddiskuti u jikunsidra din il-proposta.

Il-Kunsilliera prezenti approvaw.

73.5.08 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pprezentat fuq il-mejda proposta u pjanta ghal xogholijiet biex tinbidel il-Latrina prezenti go pjazza 5 ta' Ottubru u spjegat li din ilha zmien tinhass il-htiega biex tinbidel minhabba l-problemi ezistenti fis-sistema ta' drenagg u anke minhabba nuqqasijiet li hemm fiha.

Is-Segretarju ezekuttiv Alan Vella spjega li kif indikat fl-estemi finanzjarji dan ix-xoghol jista ssir b'fondi UIF u jekk il-pjanta tigi approvata jitlob lill-perit biex jibda l-process mal-Awtorita’ tal-ipjanar u awtoritajiet ohra ghall-permessi strutturali mehtiega.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew ghamlu xi sugerimenti u approvaw unanimament it-talba.

73.5.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta proposti segwenti ta' xoghol mehtieg

Manutenzjoni u tisbih tal-Bankini u Roundabout Cirku Msida
Manutenzjoni u tisbih tal-gnien Victor Denaro
Manutenzjoni u tisbih go dahla mitluqa fi Triq Princess Margaret
Manutenzjoni u tisbih go Tarag Triq il-Wied li iwassal ghall Santa Venera
Manutenzjoni u tisbih ta' Central Strip Mons Innocenz Zammit
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew ghamlu xi suggerimenti u approvaw unanimament it-talba ghax xogholijiet.

**73.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

73.6.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda u qara r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-kumittat ghall-evaluazjoni ta' Tender KLMsd 2/2017 Collection of mixed house hold waste from the lokality of Msida and parts of Swatar in an enviormentaly friendly method.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw unanimament li t-Tender jinghata kif rakomandat mir-rapport tal-kumitat ghall-evalwazzjoni lill-Waste collection services li kellha l-orhos offerta skond il-kriterji mitluba.

**73.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

73.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, li din hija tkomplija tal-Agenda L7-72 u l-iskeda giet approvata fil-laqgha precedenti.

**73.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

73.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis 7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 8 ta' Mejju 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 8 ta' Mejju 2018

**IFFIRMATA**

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |